



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2014/2118(DEC)

8.12.2014

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL) għas-sena finanzjarja 2013
(2014/2118(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Guillaume

PA_NonLeg

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL) jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2013 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-likwidità tiegħu għas-sena li ntemmet, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet annwali tal-EUROPOL għas-sena finanzjarja 2013 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jindikaw it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet u tal-ġestjoni baġitarji;
3. Iqis f'dan ir-rigward li minkejja li l-EUROPOL għamel progress matul is-snin fir-rigward tat-tfassil, l-eżekuzzjoni u d-dokumentazzjoni tal-proċeduri ta' akkwisti pubbliċi, l-effikaċja tagħhom għandha tkompli titjib: il-kriterji tal-għażla mhumiex dejjem speċifiċi biżżejjed u l-offerti tarrifarji mhux dejjem realistiċi jew adegwati għall-eżiġenzi professjonali stabbiliti; jinnota, fit-tweġibiet tal-EUROPOL, il-proċess li għaddej globalment fir-rigward tal-proċeduri ta' reklutaġġ u s-sejthiet għall-offerti, u dan bl-għan li titjib l-istruttura ta' organizzazzjoni interna attwali;
4. Ifaħħar l-isforzi mwettqa rigward it-titjib tar-rati ta' eżekuzzjoni baġitarja: ir-rata ta' riporti ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, li kienet 19.6% fl-2012, niżlet għal 11.6% fl-2013; jiddeplora l-fatt li r-rata ta' riporti ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għat-titolu II (infiq amministrattiv) għadha għolja (41%), minkejja titjib meta wieħed iqabbilha ma dik tas-sena ta' qabel (49% fl-2012);
5. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha tingħata aktar attenzjoni għat-twaqqif ta' ġestjoni finanzjarja tajba min-naħa tal-EUROPOL, jiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom l-uffiċċju jkun uża l-appropriazzjonijiet fit-twettiq tal-kompiti tiegħu;